**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru, 2016**

Kawza Numru: 240/2016JB

Numru: 11

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

***vs***

**Paul Borg Farrugia (K.I.: 46065M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-27 ta' Gunju 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, il-Bank Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, sitt mija u tlieta u sittin euro u ghaxar centezmi (€1,663.10) liema somma tirraprezenta dejn dovut lill-bank Attur fuq zewg kontijiet ossia kont kurrenti u karta ta' kreditu;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 24);

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti (a fol 30, 31ter, 33), il-Konvenut naqas milli jikkontesta dina l-kawza;

Sema' x-xhieda;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi

espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut – ghad li debitament notifikat – naqas milli jipprezenta risposta. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mal-imghaxijiet, irid jigi rilevat li minn ezami tal-prospetti esibiti in atti a fol 7 *et seq*, jidher li parti mis-somma reklamata hija imghax fuq il-kapital. Ghalhekk, mghandux jghaddi imghax fuq tali somom biex jigi evitat imghax fuq imghax. Dan se jigi rifless fil-parti dispozittiva tas-sentenza;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €1,663.10. L-imghax ghandu jiddekorri biss fuq il-kapital. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*